MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 402/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Edward Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-31 t'Ottubru, 2008 ghall-habta ta' 10.15 a.m., fi Triq il-Moll tal-Hatab, Marsa,

1. gieghel, halla jew ippermetta lil John Zammit isuq vettura ta' l-ghamla "Mercedes2 b'chassis no. 002MZGS04132W07 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
2. gieghel, halla jew ippermetta lil John Zammit isuq l-imsemmija vettura ta' l-ghamla "Mercedes" b'chassis no. 002MZGS04132W07 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq;
3. fl-istess cirkostanzi ghamel jew gieghel, halla jew ippermetta lil John Zammit isuq l-imsemmija vettura ta'

ghamla “Mercedes” b’chassis no. 002MZGS04132W07 jaghmel uzu minn marka ta’ registrazzjoni xort’ohra (BBI-147) minn dik moghtija mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, w cioe’ ghamel jew halla l-uzu tal-pjanci tan-numri tar-registrazzjoni ohra BBI-147 li jappartjenu lil vettura ohra ta’ l-ghamla “Mercedes” b’chassis no. 61903725161828 u gew uzati fuq il-vettura l-ohra ta’ l-ghamla “Mercedes” li kienet qed tigi misjuqa minn John Zammit;

4. ippermetta li John Zammit isuq vettura ta’ l-ghamla “Mercedes”b’chassis no. 002MZGS04132W07 b’licenzja ta’ vettura li b’kitba, tpingija jew b’mod iehor, biddel, hassar, sfigura jew zied xi haga f’licenzja ta’ xi vettura jew qieghed fuq vettura licenzja li tkun giet mibdula, imhassra, sfigurata jew li jkun gie mizjud xi haga fiha, w cioe’ ghamel uzu minn licenzja ta’ vettura partikolari ohra mahruga ghal vettura numru BBI-147 ta’ l-ghamla “Mercedes” b’chassis no. 61903725161828.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 t’Ottubru , 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 42(d) tal-Kap. 9, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u r-Regolament 14, 51(7)(a) u 34(5) tal-A.L. 476/2004 sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza w ikkundannatu €2329.37 multa, tat-tieni akkuza w ikkundannatu €175 multa, tat-tielet akkuza w ikkundannatu €466 multa izda lliberatu mir-raba’ imputazzjoni stante mhux sufficjentement ippruvata.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104, skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha sabiex in vista tal-premess hija tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant hati tar-raba’ akkuza w minnha lliberatu, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuza fejn ikkultatu komplessivament is-somma ta’ €2970.37, konsegwentement tilliberah mill-istess tlett imputazzjonijiet u konsegwentement ukoll tilliberah mill-ordni ta’ l-iskwalifika milli l-appellant ikollu

jew jikseb xi licenzja tas-sewqan ghalzmien tnax-il xahar mid-data tas-sentenza, biex b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni maghmul fis-seduta tal-lum li bih preliminarjament eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell ghax dan gie prezentat "fuori termine" u cioe' oltre t-tmint ijiem ta' xoghol mid-data tas-sentenza appellata ;

Semghet it-trattazzjoini dwar din l-eccezzjoni ;

Peress illi jirrizulta li r-rikors tal-appell gie prezentat fl-4 ta' Novembru, 2009 u cioe' disat ijiem (9) ta' xoghol wara li nghatat is-sentenza appellata w dana ovvjament bl-applikazzjoni tal-principju tad-*"dies a quo non computantur in termine"* , u jidher li dan sar bi ksur tal-vot espress tal-ligi li fl-artikolu 417 (1) tal-Kap.9 jiddisponi li :-

*"L-appell jingieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b' rikors li ghandu jigi ipprezentat fi zmien tmint ijiem ta' xoghol…"*

U peress li dan, skond gurisprudenza kostanti, gie ritenut li jimporta n-nullita' tar-rikors tal-appell, tiddikjara l-istess rikors irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------